


MARL





MALTA



Fuljett maħruġ mill-MARL

Għad-Dilettanti tar-Radju

Maltin u Għawdxin

Numru 21

Diċembru 2007



Fiċ-Ċentru mhux permess tipjip

Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Diċembru 2007 li hija l-21 ħarġa ta' din is-sensiela.

F'din il-ħarġa għandkom ritratti ta' dilettanti tar-radju li ħadu sehem b'koperazzjoni mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fil-Lejl Imdawwal li sar fil-bidu ta' Ottubru fil-Belt Valletta.

Għandkom ukoll ritratti tal-"Pasta Night" li kellna fiċ-Ċentru tal-MARL nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru, kif ukoll ritratti ta' eżerċizzju ta' simulazzjoni ta' emerġenza li nżamm fuq bażi internazzjonali u li fih ħadu sehem il-grupp ta' emerġenza tal-MARL.

Kif għednilkom qabel, bejn Ottubru u Novembru kienet qed tiltaqa' l-Konferenza Dinjija tat-Telekomunikazzjoni fejn kien hemm numru ta' proposti li huma ta' nteress għalina bħala dilettanti tar-radju.

Issa li din il-Konferenza għalqet, qegħdin inwasslulkom tagħrif li għandu x'jaqsam mad-delizzju tagħna li ntlaħaq qbil dwaru.

Qed inġibulkom ukoll rapport li deher fit-Times of Malta ta' l-1 ta' Novembru dwar il-Jamboree li huwa ġrajja ta' kull sena ta' l-iscouts li fiha jieħdu sehem dilettanti tar-radju billi jipprovdu l-apparat tagħhom ħalli l-iscouts ikunu jistgħu jikomunikaw bejniethom madwar id-dinja. Rapport ieħor deher fuq il-Maltastar.com

Għalkemm illum tintuża wkoll l-internet, u fil-fatt din is-sena kienet l-10 sena li kienet qed tintuża waqt il-Jamboree, din is-sena kienet ukoll il-50 sena li l-Jamboree sar fuq l-arja, jiġifieri permezz tat-transmettituri u riċevituri.

Għalkemm dawk li kont naf li se jieħdu sehem tlabthom biex jibgħatuli ritratti jew ritratti u kitba qasira dwar l-attivita' ħalli nkunu nistgħu nippubblikawhom fuq dan il-fuljett, s'issa għadni ma rċevejt xejn. Nittama li xi ħadd jieħu ftit xogħol u jibgħatli xi ħaġa ħalli kollox jibqa' bil-miktub għall-futur.

Tinsewx li l-aħħar tas-sena u l-bidu ta' sena ġdida dalwaqt magħna, u s-Segretarju Finanzjarju qiegħed jistenna biex inthom tħallsu s-sħubija tagħkom għas-sena d-dieħla. Huwa jkun fiċ-Ċentru kull nhar ta' Tlieta, il-Ħamis u l-Ħadd.

Inrodd ħajr lil dawk kollha li jaħdmu u jagħtu sehemhom b'kull mod fl-interess ta' l-Għaqda tagħna waqt li nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-QSL tiegħi.

Lawrence 9H1AV / 9H9MHR

136 kHz f'Malta

Aktar l-isfel għandkom informazzjoni dwar dak il sar fil-Konferenza Dinjija tar-Radju li nżammet fl-Isvizzera bejn Ottubru u Novembru din is-sena.

Il-Konferenza Dinjija iddeċidiet li tingħata allokazzjoni sekondarja lid-dilettanti tar-radju madwar id-dinja u li din tingħata mill-1 ta' Jannar 2009. Dan ma jfissirx li l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jagħtuha qabel, kif fil-fatt sar f'ħafna pajjiżi oħra.

Għaldaqstant, wara li l-Konferenza deċidiet li ssir din l-allokazzjoni, saru kuntatti ma' l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni ta' Malta biex naraw meta se ningħataw din l-allokazzjoni.

Waqt li l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni aċċettat li tagħtina din l-allokazzjoni, din mhix se tingħata għalissa minħabba diffikultajiet tekniċi.

Il-pjani huma li s-sena d-dieħla, madwar Marzu, se ssir reviżjoni tal-pjan tal-frekwenzi ta' Malta. Din mistennija li tieħu madwar 6 xhur. Barra minn hekk, hemm konferenza oħra ta' l-UE dwar allokazzjonijiet komuni Ewropej.

Għaldaqstant, jidher li aktarx li ningħataw din l-allokazzjoni lejn l-aħħar tas-sena d-dieħla.

Sakemm jasal dak iż-żmien, wieħed jista' jibda jlesti l-apparat ħalli malli ningħataw din il-frekwenza tkunu tistgħu taħdmu fuqha.

Madankollu tinsewx li din hija wiesha biss 2.1 kHz biss, u għalhekk irridu noqogħdu attenti ħalli ma ntellfux lil xulxin. Is-saħħa hija ta' 1 Watt E.I.R.P., imma biex tirradja din is-saħħa trid trasmettitur ta' saħħa minħabba l-ineffiċjenza ta' antenni prattiċi fuq din il-frekwenza fejn it-tul tal-mewġa huwa ta' 2,000 metri.

7 MHz

Saret ukoll talba mis-segretarju biex ningħataw tkabbir fuq il-frekwenza tas-7 MHz, biex tkun minn 7 MHz sa 7.3 MHz.

Madankollu, din it-talba ma ġietx milquha minħabba li ma kienx hemm qbil dwarha fil-Konferenza Dinjija. Bejn 7 MHz u 7.3 MHz hija l-allokazzjoni li għandhom dilettanti tar-radju f'Reġjuni 2 u 3, waqt li f'Reġjun 1 l-allokazzjoni hija bejn 7 MHz u 7.2 MHz.

QSO fuq 500 kHz

Fl-aħħar ħarġa tajnikom tagħrif dwar QSO li sar bejn GI4DPE u VE1DVM fuq din il-frekwenza. Illum se nagħtikom tagħrif ieħor. Sar QSO ieħor bejn GI4DPE fuq 501.3 kHz u WE2XGHR/2 fuq 506.5 kHz nhar l-Erbgħa 14 ta' Novembru.

Dan il-QSO sar fuq distanza ta' 4890 km, jew 3039 mili. Għalkemm WE2XGR/2 kellu l-interferenza, inbidlu n-nominattivi, rapporti tas-saħħa tas-sinjali u affarijiet oħra ta' xewqat tajba għal numru ta' drabi, waqt li Finbar, GI4DPE kien qiegħed jikkopja s-sinjali eċċellenti.

Tgħid meta se nkunu nistgħu nużaw din il-frekwenza hawn Malta u forsi għal darba nkunu minn fost l-ewwel nies li ingħataw din il-frekwenza? Tgħid meta jiġi d-dubbien l-abjad?

Awtoritajiet f'pajjiżi oħra jieħdu deċiżjonijiet bħal ma sar fl-Istati Magħquda ta' l-Amerika, ir-Renju Magħqud, u pajjiżi oħra li taw allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju tagħhom minkejja li ma jkunx hemm deċiżjoni minn xi Konferenza Dinjija tar-Radju, għalkemm għalissa n-numru tagħhom huwa limitat.

Konferenza Dinjija tar-Radju 2007

136 kHz

L-approvazzjoni għal allokazzjoni sekondarja għad-dilettanti tar-radju kienet għaddiet fil-Livell ta' Grupp 4Ċ b'żewġ noti nhar il-Ġimgħa 2 ta' Novembru kif għednilkom fil-ħarġa ta' qabel din.

Il-Ġimgħa 9 ta' Novembru, wara nofs in-nhar, din il-proposta ġiet ukoll approvata mill-ewwel qari mill-plenarja u issa hija approvata għal kollox.

Din il-proposta li ġiet approvata tat allokazzjoni sekondarja lid-dilettanti tar-radju bejn 135.7 – 137.8 kHz b'saħħa tat-transmettitur ta' 1 W e.i.r.p. Wieħed irid jiftakar li biex ikollu din is-saħħa jrid juża trasmettitur ta' saħħa ta' mijiet ta' watts minħabba li ċ-ċokon ta' l-antenni prattiċi għal din il-frekwenza.

Dan għaliex meta wieħed jieħu t-tul ta' mewġa ta' din il-frekwenza li hija ta' 2200 metri jinduna li antenni prattiċi jkunu żgħar ħafna u għalhekk l-effiċjenza tagħhom tkun ukoll żgħira ħafna.

Fil-fatt, minn sempliċi kalkolazzjoni tindunaw li ma tantx tista' ssib xi dilettant tar-radju li jkun jista' jagħmel antenna vertikali meta tqis li din tkun għolja 550 metru, jiġifieri aktar mid-doppju l-għoli ta' l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli.

Min-naħa l-oħra, biex tagħmel antenna orizzontali, ngħidu aħna dipol, irid ikun twil 1,100 metri, waqt li biex tkun għolja nofs mewġa trid tkun ta' l-istess għoli.

Madankollu, dan m'għandux itellef il-ħeġġa ta' dak li jkun, għaliex saru kuntatti bejn il-Kanada, l-Ingliterra u pajjiżi oħra ta' l-Ewropa, kif ukoll bejn ir-Russja u Żelanda l-Ġdida.

L-approvazzjoni ta' din il-proposta mill-Konferenza Dinjija tar-Radju jfisser li dawk l-awtoritajiet li kienu qed issibu xi diffikulta biex jagħtu allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju tagħhom issa m'għandhomx skuża biex ma jagħtuhiex.

Infakkru li l-awtoritajiet Maltin kienu qalulna li huma m'għandhomx diffikulta' li jagħtuna allokazzjoni jekk ikun hemm il-qbil tal-Konferenza Dinjija tar-Radju ta' l-ITU.

5 MHz

Dwar allokazzjoni fuq din il-frekwenza ma laħaqx intlaħaq qbil minħabba li kien hemm wisq interessi, l-aktar mix-xandara li riedu jkabbru l-allokazzjoni tagħhom bejn l-4 MHz u l-10 MHz bi 300 kHz. Minħabba li ma ntlaħaqx qbil it-taħdidiet twaqqfu anki dwar l-allokazzjoni għad-dilettanti tar-radju fuq il-5 MHz.

Madankollu, dan in-nuqqas ta' qbil ma jżommx awtoritajiet nazzjonali milli jagħtu allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju tagħhom kif hemm numru ta' pajjiżi li diġa' għamlu u li aħna tajnikom l-informazzjoni dwarhom kemm-il darba f'dan il-fuljett.

Nittamaw li l-awtoritajiet Maltin ma jibqgħux jgħixu fil-medju evu u forsi jaċċettaw il-proposti tagħna biex ningħataw allokazzjoni aħna wkoll fuq din il-frekwenza.

500 kHz

Dwar din il-frekwenza sar progress fis-sens li tpoġġiet proposta proviżorja fuq l-aġenda għall-Konferenza Dinjija tar-Radju li jmiss u li x'aktarx tinżamm fl-2011 biex id-dilettanti tar-radju jingħataw 15-il kHz bejn 415 kHz – 526.5 kHz

Bħall-frekwenza tal-5 MHz, dan ma jfissirx li awtoritajiet nazzjonali li huma progressivi u jridu jaraw lid-dilettanti tar-radju tagħhom fuq quddiem ma jistgħux jagħtu allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju tagħhom. Kif ġbidnilkom l-attenzjoni kemm-il darba, diġa' hemm numru ta' pajjiżi li taw l-approvazzjoni tagħhom biex dilettanti tar-radju jagħmlu esperimenti fuq fekwenzi lejn il-500 kHz.

Aktar 'il fuq diġa' ktibt kif minkejja d-diffikultajiet fuq din il-frekwenza minħabba l-kobor ta' l-antenna fejn it-tul tal-mewġa hija ta' 600 metru fuq 500 kHz, għalkemm mhux daqs dawk fuq il-frekwenza ta' 136 kHz fejn it-tul tal-mewġa hija ta 2,200 metru, numru ta' dilettanti tar-radju diġa kellhom komunikazzjoni bejniethom. Araw aktar 'il fuq f'dan il-fuljett u anki edizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-fuljett.

Konklużjoni

Il-Konferenza Dinjija tar-Radju spiċċat nhar il-Ħamis 15 ta' Novembru u l-Atti Finali ġew iffirmati l-Ġimgħa 16 ta' Novembru, waqt li dik li jmiss li ssir hija proposta għall-2011.

Jekk taħsbu li se jħallu għall-aħħar waqtiet biex jippreparaw għaliha qed taħsbu ħażin. Fil-fatt, kif għedt aktar 'il fuq hemm il-proposta dwar il-500 kHz, waqt li l-ippjanar diġa' beda nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru meta ltaqgħet konferenza preparatorja għal jumejn.

Kien hemm numru ta’ diżappunti , fosthom dwar it-tkabbir ta’ l-allokazzjoni akbar tal-50 MHz fir-Reġjun 1 u n-nuqqas ta’ allokazzjoni uffiċjali fuq il-5 MHz, imma kien hemm ukoll sodisfazzjon dwar il-frekwenza tal-136 kHz kif ukoll it-tpoġġija tal-proposta fuq l-aġenda proviżorja għal allokazzjoni bejn 415 kHz – 526.5 kHz.

Min-naħa tagħna se nibqgħu nagħmlu dak kollu possibbli forsi fl-aħħar ningħataw allokazzjonijiet kif ingħataw dilettanti tar-radju f’pajjiżi oħra. Bil-mod il-mod qed naraw progress mill-awtoritajiet, għalkemm naħsbu li dan huwa bil-mod wisq.

Għaldaqstant, kull min irid jaħdem fuq il-136 kHz jista’ jibda jipprepara ħalli malli ningħataw allokazzjoni nkunu nistgħu nibdew nikkomunikaw bejnietna u ma dilettanti tar-radju oħra barra minn pajjiżna.

Lawrence 9H1AV / 9H9MHR

Attivita’ mad-Dipartiment tal-Protezzjni Ċivili
ta’ l-Iljieli Mdawwlin fil-Belt Valletta













Kif tistgħu taraw minn dawn ir-ritratti, is-servizz li taw id-dilettanti tar-radju waqt l-Iljieli Mdawwlin fil-Belt Valletta ma kienx biss bil-kliem fuq ir-radju, imma taw servizz bit-televiżjoni li m'hemmx dubju li jkun ta' siwi għal min ma jkunx fuq il-post biex ikollu stampa, fil-veru sens tal-kelma, tas-sitwazzjoni attwali li jkun hemm fuq il-post. Tinsewx li kif jingħad, stampa waħda tiswa daqs elf kelma, aktar u aktar meta din tkun minn fuq post ta' xi aċċident.










Dawn huma ftit ritratti tal-Pasta Night
li kellna fiċ-Ċentru tagħna
fis-27 ta' Ottubru 2007



George 9H1AT u Joe 9H1AJ isajjru



Joe 9H1AJ u Ivan 9H1PI isajjru
Joe u Ivan fuq Sajran Prattiku mhux Televiżjoni Prattiku kif jidher fl-inkwadru





9H1SP-XYL u 9H1BG iqassmu l-ikel






9H1SP Paul u 9H1XE Edwin li dejjem jieħdu ħsieb il-bottegin

Radd il-ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom fix-xogħol kollu għaliex kull meta jkollna xi attivita' jibdew minn fil-għodu jirranġaw l-imwejjed u l-affarijiet, isajjru kollox, u jieħdu ħsieb il-bottegin. Radd il-ħajr imur ukoll għal dawk kollha li jnaddfu u jaħslu l-affarijiet kollha. Għamlulhom kuraġġ billi tkomplu tattendu għall-attivitajiet li flimkien u bl-għajnuna imprezzabbli ta' dawn in-nies norganizzaw minn żmiem għal żmien.
Lawrence 9H1AV / 9H9MHR

Rapport tat-Times of Malta dwar il-Jamboree

Il-Ħamis, 1 ta' Novembru, 2007
Times of Malta

Jamboree virtwali

Scouts Maltin kienu fost aktar minn 25 miljun scout minn 225 pajjiż u territorji li ħadu sehem fil-11-il Jamboree Fuq l-Internet u l-50 Jamboree Fuq l-Arja li sar f-20 u l-21 ta' Ottubru.

Il-Jamboree Fuq l-Internet, ġrajja ta' kull sena, rat scouts u gwidi minn madwar id-dinja kollha jagħmlu kuntatti ma' xulxin permezz ta' l-internet, f'jamboree virtwali fejn l-esperjenzi ta' l-iscouting ġew mibdula u ideat maqsuma, li taw sehemhom għall-fraternita' ta' l-iscouting.

Fil-Jamboree Fuq l-Arja, madwar 500,000 scout u gwidi minn madwar id-dinja kollha għamlu kuntatt permezz tar-Radju tad-Dilettanti. L-Assoċjazzjoni ta' l-Iscouts ta' Malta ħadet sehem bl-għajnuna tal-membri tal-Malta Amateur Radio League (MARL).

Dawk li ħadu sehem fl-attivitajiet kienu membri ta' l-Iscouts tal-Baħar ta' tas-Sliema, il-Fgura, Birkirkara, il-Qrendi, iż-Żurrieq, Santa Venera/l-Msida, id-Distrett tat-Tramuntana, il-Qawra, ir-Rabat/il-Mosta, u Birżebbuġa.

Ripetituri

Illum ghandkom ftit informazzjoni dwar ripetituri u stazzjonijiet oħra awtomatiċi f'Ċipru u ripetituri fil-Lvant Nofsani. Dawn mhux biss issibuhom siewja jekk inthom tmorru f'dawn il-postijiet, imma anki huma indikazzjoni tal-propagazzjoni speċjalment fis-sajf.

Ripetituri

R2 145.650 MHz 88.5 Hz ukoll fuq il-ħruġ tiegħu 5B4CY Vavatsinia (ħdejn Larnaka)
R4 145.700 MHz 88.5 Hz ukoll fuq il-ħruġ (baxxa) Lemesos
R5 145.725 MHz 88.5 Hz ukoll fuq il-ħruġ 5B5CY Troodos kamp ta' l-iscouts (temp)
R6 145.750 MHz 88.5 Hz ukoll fuq il-ħruġ tiegħu Tremithousa ħdejn Paphos
RU 439.600 MHz 88.5 Hz Għadu mhux imwaħħal

VHF Simplex

S20 145.500 MHz Frekwenza fejn issejjaħ
S23 145.575 MHz 88.5 Hz popolari f'Limassol
S22 145.550 MHz Net ta' Paphos il-Ħadd filgħodu 09.15 ħin lokali


APRS

144.800 MHz APRS 5B4CYA-3	Limassol
144.800 MHz APRS 5B4CYA-2	Pissouri
144.800 MHz APRS	Agois Photios
144.800 MHz APRS 5B8BE-11	Vavatsinia
144.800 MHz DX Cluster 5B4AIE-1	Pafos

Stazzjonijiet awtomatiċi

B4 5B4CY 70.114 MHz 10W 6 el Yagi 315^0 KM64ft
B6 5B4CY 50.497 MHz – 50.499 MHz (mhux stabbli) GP KM64pr
B10 5B4CY 28.219 MHz KM64pr

Biex nagħmluha aktar faċli għalikom, hawn taħt għandkom mappa ta' Ċipru immarkata bil-postijiet tar-ripetituri u l-istazzjonijiet awtomatiċi.



Ripetituri

Pajjiż	Post	Ħruġ	Dħul	CTCSS	Lokatur
Libanu	Beirut	144.600 MHz	144.000MHz	88.5 Hz	KM73sv
Libanu	Tripoli	144.625 MHz	144.025 MHz	88.5 Hz	
Libanu	Tripoli	145.625 MHz	145.025 MHz	88.5 Hz	
Ġordan	Amman	145.700 MHz	145.100 MHz		
Kuwait		145.600 MHz	145.000 MHz	77 Hz	
Oman		145.600 MHz	145.000 MHz	77 Hz	
Turkija	Antalja	145.700 MHz	145.100 MHz		KM56iv
Turkija	Adana	145.725 MHz	145.125 MHz	88.5 Hz	
Baħrain		145.750 MHz	145.150 MHz	88.5 Hz	

Ir-ripetituri tal-Libanu huma mqabbda ma sistema ta' ripetituri li tkopri l-biċċa 'l kbira tal-kosta Libaniża. Ir-ripetitur tal-Ġordan huwa proprjeta' ta' JY6ZZ u bħalissa mhux jaħdem. Aktar l-isfel għandkom mapep tal-Ġordan u ta' l-Israel.


Pajjiż	Post	R	Ħruġ	Dħul	CTCSS	Saħħa
Israel	Mitzpe-Ramon	R0	145.600 MHz	- 600 kHz	91.5 Hz	80W
Israel	Ġerusalemm	R1	145.625 MHz	- 600 kHz	91.5 Hz	100W
Israel	Megido	R3	145.675 MHz	- 600 kHz	91.5 Hz	100W
Israel	Ħaifa	R4.5	145.712.5MHz	- 600 kHz	192.8 Hz	80W
Israel	Tel-Aviv	R7	145.775 MHz	- 600 kHz	91.5 Hz	100W
Israel	Ħaifa	R12A	145.300 MHz	- 600 kHz	91.5 Hz	80W
Israel	Beer Sheeva	R12B	145.300 MHz	- 600 Hz	192.8 Hz	40W
Israel	Eilat	R12C	145.300 MHz	- 600 Hz	91.5 Hz	80W
Israel	Jatir	R13	145.325 MHz	- 600 kHz	91.5 Hz	80W
Israel	Zefat	R14	145.350 MHz	- 600 kHz	91.5 Hz	80W
Israel	Givateim	R15	145.775 MHz	- 600 kHz	91.5 Hz	100W
Israel	Natania	R15	145.400 MHz	- 600 kHz	91.5 Hz	80W
Israel	Tel-Aviv	R70	438.650 MHz	- 7.6 MHz	91.5 Hz	100W
Israel	Ħaifa	R71	438.675 MHz	- 7.6 MHz	91.5 Hz	50W
Israel	Ġerusalemm	R72	438.700 MHz	- 7.6 MHz	91.5 Hz	50W
Israel	Zefat	R73	438.725 MHz	- 7.6 MHz	91.5 MHz	50W
Israel	Ħaifa	R78	438.850 MHz	-7.6 MHz	91.5 MHz	30W

Noti dwar ir-ripetituri ta' l-Israel

L-R12 huwa mqabbad ma' l-R78, R3 jibgħat CTCSS 77 Hz, R15 jibgħat CTCSS 114.8 Hz, R1 jibgħat CTCSS 71.9 Hz




Din l-informazzjoni hija miġbura minn fuq il-paġna ta' l-internet ta' l-Għaqda tad-dilettanti tar-radju Ċiprijotti http://www.cyhams.org/index.shtml



Din hija mappa ta' l-Israel li turi fejn qegħdin ir-ripetituri kif ukoll il-frekwenzi tagħhom.







Il-Kumitat jixtieq il-Milied hieni u sena tajba lill-membri kollha tal-MARL u lid-dilettanti tar-radju kollha Maltin u Għawdxin u l-familji tagħhom.







Rapport tal-Jamboree ta' l-iScouts fuq Maltastar.com

Aktar 'il fuq qrajtu dwar ir-rapport tal-jamboree ta' liscouts kif irrapurtat fuq it-Times of Malta. Il-jamboree ta' l-iscouts kien irrapurtat ukoll fuq www.maltastar.com nhar l-Erbgħa 31 ta' Ottubru kif ġej.

Aktar minn 50 miljun scout minn 225 pajjiż u territorji ħadu sehem fil-11-il jamboree fuq l-Internet u l-50 Jamboree fuq l-Arja, li sar fi tmiem il-ġimgħa ta' l-29 u l-21 ta' Ottubru 2007.

Il-Jamboree fuq l-Internet (JOTI), li huwa ġrajja ta' kull sena ra Scouts u Gwidi minn madwar id-dinja kollha jagħmlu kuntatt ma xulxin permezz ta' l-Internet, f'Jamboree virtwali fejn esperjenzi ta' Scouting ġew mibdula u ideat maqsuma, waqt li taw sehem għad-dinja ta' aħwa ta' l-iScouting.

L-akbar ġrajja ta' kull sena tal-WOSM, il-Jamboree-fuq-l-Arja (JOTA) li nżamm din is-sena għall-50 darba, inżamm ukoll matul l-istess tmiem il-ġimgħa.

Madwar 500,000 Scouts u Gwidi mid-dinja kollha ikkuntattjaw lil xulxin, u l-Assoċjazzjoni ta' l-iScouts ta' Malta, permezz tar-radju tad-dilettanti bl-għajnuna siewja ta' voluntiera u membri tal-Malta Amateur Radio League (MARL).

It-tema tal-50 JOTA: ***"MADWAR ID-DINJA F'50 SIEGĦA"*****,** inkoraġġixxa operaturi tar-Radju biex, "jivvjaġġaw madwar il-globu f'50 siegħa", waqt li jagħmlu kuntatti ma scouts f'pajjiżi differenti kemm jista' jkun matul il-ġrajja.


B'dan il-għan f'moħħhom, il-ġublew tad-deheb JOTA kien sagħtejn itwal u sar mid-19 ta' Ottubru 22:00 sal-21 ta' Ottubru 24:00 ħin lokali.

Gruppi ta' Scouts u membri ta' Scouting minn tas-Sliema, il-Fgura, Birkirkara, il_Qrendi, iż-Żurrieq, Scouts tal-baħar ta' Santa Venera / l-Msida, u l-iScouts tad-Distrett tat-Tramuntana, il-Qawra, ir-Rabat/ il-Mosta, u Birżebbuġa, f'livelli ta' grupp jew individwali, ħadu sehem jew fl-attivitajiet it tnejn jew fil-JOTI jew JOTA.

Saru żjarat mill-Kap Scout, is-Sur Vincent Cassar u d-Deputat Kap Scout, is-Sur Avril Frendo lill-istazzjonijiet Joti/Jota matul tmiem il-ġimgħa.

Il-GO u l-provditur tas-servizz ta' l-Internet ġentilment sponsorjaw il-ġrajja billi taw Linji tat-Telefon u servizz ta' l-Internet lill-Istazzjonijiet ta' Operazzjonijiet Scouting tal-JOTI.

Dritt © maltastar.com



Attivitajiet tal-MARL

Sħubija

Il-Kumitat jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-membri li l-ħlas tas-sħubija jista' jsir fiċ-Ċentru tal-MARL kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis bejn is-6.00 u t-8. 00 ta' filgħaxija u l-Ħadd bejn l-10.00 ta' filgħodu u Nofs in-Nhar.

Bibita tas-Sena

Il-Kumitat qiegħed jistieden lill-membri għall-bibita tas-Sena l-Ġdida li se ssir fiċ-Ċentru tal-MARL nhar il-Ħadd 13 ta' Jannar 2008 bejn l-10.00 ta' filgħodu u Nofs in-Nhar.

Laqgħa Ġenerali Annwali

Il-Kumitat ifakkar ukoll lill-membri li l-Laqgħa Ġenerali tas-Sena se ssir bħas-soltu fl-aħħar Ħadd ta' Frar, jiġifieri l-Ħadd 24 ta' Frar 2008 mill-10.00 ta' filgħodu 'l quddiem. Jekk ma jkunx hemm quorum il-laqgħa tibda fl-10.30 bil-membri preżenti.

Amendi u mozzjonijiet sekondati jridu jaslu għand is-Segretarju mhux aktar tard minn 10-ijiem qabel il-laqgħa. Tinsewx li tridu tkunu ħallastu s-sħubija qabel tibda l-laqgħa.

L-Aġenda

Qari u diskussjoni tal-minuti
Qari u diskussjoni tar-rapport amministrattiv
Qari u diskussjoni tar-rapport finanzjarju
Affarijiet oħra